Għajnsielem

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SEBA\` KUNSILL

## SEDUTA NRU. 39 – L-Erbgħa l-1 t'April 2015

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

3.1 Is-Sindku Francis Cauchi fetaħ il-laqgħa billi esprima r-ringrazzjament tiegħu lejn sħabu l-kunsilliera u l-istaff tal-organizazzjoni ta' surprise party fl-okkażżjoni ta' tmiem il-kariga tiegħu bħala Sindku t'Għajnsielem. Huwa apprezza ferm dan il-ġest u stqarr li mhu ser jinsiħ qatt. Huwa faħħar l-għaqda li kienet teżisti bejn il-Kunsilliera speċjalment f'din l-aħħar leġislatura u l-proġetti li saru f'perijodu tant qasir huma lkoll evidenza u suċċess tal-għaqda bejn il-kunsilliera. Huwa rrefera għar-riżultati pożittivi li rnexxielu jottjeni dan il-Kunsill u awgura lill-Kunsill il-ġdid biex jibqa jimxi fuq il-passi tal-Kunsill ta' qablu u wkoll joħroġ b'ideat aħjar minn ta' qablu. Il-kunsiliera rringrazzjawh tal-21 sena servizz bħala Sindku u awgurawlu rrtirar mimli saħħa.

3.2 Is-Sindku rrefera għall-inawgurazzjoni li saret tal-Għajn tal-Hasselin fit-22 ta' Frar 2015. Huwa semma' li l-attivita' rnexxiet ħafna u l-proġett qed jintlaqa' tajjeb ħafna u qed ikompli jsebbaħ il-lokalita'.

3.3 Huwa rrefera wkoll għall-inawgurazzjoni tal-Belvedere u kif ġo sena l-Kunsill irnexxielu jibdel totalment belvedere li kien spiċċa żdingat u perikoluż għal wieħed li ser iservi bħala l-vetrina t'Għawdex. Fil-fatt huwa semma' li qed iservi bħala l-post fejn il-coaches tat-turisti li jiġu jżuru l-gżira Għawdxija jagħmlu l-aħħar waqfa tagħhom propju hawnhekk. Iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni rnexxiet ħafna u l-attendenza kien waħda sodisfaċenti ħafna.

3.4 Is-Sindku rrefera wkoll għaż-żjara fostna li ser tagħmel delegazzjoni minn Tolfa mmexxija minn Alessandro Battilocchio bejn il-11 u l-14 t'April 2015 fejn ser jagħmlu żjara lill-Prim Ministru u lill-Ministru għal Għawdex. Is-Sindku hawnhekk irrefera għall-benefiċċju tal-ġemellaġġ fejn permezz tiegħu anke qed isiru taħdidiet ta' negozju bejn iż-żewġ pajjiżi.

3.5 Is-Sindku rrefera għall-problema tad-drenaġġ f'Simirat Street u kif din ġiet solvuta. Huwa semma li ġiet detected minn fejn hi ġejja l-problema u l-ħsara u bi qbil u ftehim bejn il-partijiet kollha din il-problema ġiet solvuta u kollox ġie lura għan-normal.

3.6 Is-Sindku rrefera għal-problema tad-dawl tal-Belvedere. Huwa semma' kif kien għad jinħtieġ li nakkwistaw il-compliance certificate u peress li l-applikazzjoni tiegħu ġiet sottomessa tard mill-perit, fid-data tal-inawgurazzjoni kien għadu mhux f'idejna. Huwa semma' li xorta jidher li hemm problema fejn ser jitqabbad id-dawl għax l-inġinier tal-Enemalta qal li ma jistax jitqabbad ma' tal-gvern. Huwa semma li l-fanali tat-triq jistgħu jitqabbdu mal-istreet lighting imma id-dawl l-ieħor jintħieġ li nagħmlulu meter għalih. F'dan ir-rigward, l-enġinier tal-Enemalta qed jitlob li ssir trinka tul mal-bankina u fl-aħħar isir crossing fuq il-bankina għal ma arblu tad-dawl li hemm faċċata. . Il-Kunsill hawnhekk wera l-preokkupazzjoni tiegħu għax kienet ser tkun spiża kbira għalih iżda dik hija l-unika soluzzjoni. Sar qbil għalhekk li niġbru stima għat-trinka u napplikaw mar-Roads Department għall-permess tat-trenching.

3.7 Il-kunsilliera rreferew għal-biċċa li għad fadal bla railing fil-Belvedere u li hija perikoluża. Sar qbil li naraw jekk hix imdaħħla fit-tender u nordnawha xorta waħda għax hija ta' periklu.

3.8 Ġiet trattata l-ittra mingħand Dr Georgine Schembri rigward il-każ tas-siġra ta' Lourdes. Is-Sindku qal li fl-aħħar t'April ser tinqata' s-sentenza mill-Maġistrat.

3.9 Ġiet trattata l-ittra mingħand ir-Regjun t'Għawdex fejn tlett żagħżagħ Għawdxin għaqdu Brass Band u ntagħzlu biex imorru jdoqqu mal-Orkestra Internazzjonali f'Burdeaux bejn is-7 u l-14 ta' Mejju. Bħala Regjun iddiskuta din il-proposta u qed jitlob lill-Kunsill li minnhom ġejjin dawn iż-żgħażagħ biex jgħinhom billi jħallsilhom il-biljett tal-ajru li ser ikun jiswa madwar 460 euro. Peress li ken hemm żagħżugħa mir-raħal ta' Għajnsielem il-Kunsill qabel li għandu jgħin f'attivita' bħal din u jinforma lil din iż-żagħżugħa b'din id-deċizzjoni u fl-istess ħin jitlobha sabiex tagħti s-sehem tagħha/tagħhom f'xi attivita' li jorganizza l-Kunsill 'l quddiem.

3.10 Ġiet trattata l-ittra mingħand Carolyn Clementine ta' Lill Din l-Art Helwa u wkoll saret referenza għal-laqgħa li kellha mas-Sindku fir-rigward sabiex tiġi organizzata attivita' f'Kemmuna li tkun tikkonċerna diversi entitajiet. Il-Kunsill iddiskuta t-tħassib tiegħu li jagħti permess ta' dan it-tip ta' attivita' speċjalment minħabba ta' nuqqas ta' mezzi ta' sigurta li jeżistu f'Kemmuna. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondihom li l-Kunsill għandu f'moħħu li jorganizza attivita' simili u jekk huma jridux jissieħbu magħna.

3.11 Sar qbil ukoll li għandna nordnaw żewg signs fejn jindikaw li ma għandhomx jiddaħlu klieb fil-Belvedere.

3.12 Ġiet trattata l-korrispondenza rigward il-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2015. Meta l-Kunsill ra l-kriterji ta' dan il-Premju, jħoss li l-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem jikkwalifaw għal dawn il-punti li għalhekk għandu japplika bih.

## 4.0 Inawgurazzjoni tal-Monument tal-Football

4.1 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet li qed isiru fuq il-monument li jfakkar il-ħames rebħiet konsekuttivi tal-kampjonat Għawdxi bejn in-1970-1974. Huwa semma li l-monument qed jinkesa bit-travertine u li fuq naħa ser jitpoġġew l-ismijiet tal-players u fuq naħa ser jitpoġġa l-kliem tal-inawgurazzjoni mill-Kunsill. Sar qbil li jekk inhu possibli jitpoġġew l-ismijet tal-kunsilliera fuq il-lapida fuq in–naħa ta' wara. Sar qbil li l-ftuħ uffiċjali jsir nhar il-Ħadd 12 t'April 2015, dakinhar tal-aħħar partita tal-

kampjonat fejn fiha ser isiru ċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħa. Sar qbil li għandu jsir marċ bil-banda li jilqa' l-players hekk kif jaslu Għajnsielem wara l-partita u jibqa sejjer lejn il-każin. Wara jsir il-ftuħ uffiċjali. Sar qbil li l-inawgurazzjoni għandha ssir mis-Sindku u mill-kunsillier Peter Caruana bħala l-coach tal-ħames kampjonati ta' dak iż-żmien. Sar qbil ukoll li għandna nerġgħu norganizzaw il-photobooth tal-okkażżjoni u jingħata ritratt ta' tifkira. Sar qbil li bħala prezentatur għandna nqabbdu lil Lelio Spiteri.

## 5.0 Harġa għall-anzjani fl-okkażżjoni ta' jum l-omm

5.1 Sar qbil li fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm għandha ssir ħarġa għall-anzjani. Hie deċiż li l-ħarġa għandha ssir nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju u tingħata tifkira żgħira ta' jum l-omm lil dawk kollha preżenti.

## 6.0 Żviluppi fix-xogħolijiet tal-Pjazza tad-Dehra

6.1 Is-Sindku rrefera għall-offerti kollha li ntefgħu u għal fatt li ma kellna l-ebda appell fuqhom. Il-kuntratti kollha ġew awarded u x-xogħol inbeda. Huwa rrefera għas-site meeting li saret bejn il-partijiet kollha nvoluti fil-preżenza tal-perit tal-proġett. Huwa rrefera għall-fatt li t-tender tas-Civil Works, dak ta' tħammil, ser jonqos drastikament peress li ħafna xogħolijiet inklużi fl-offerta ma hemmx bżonn li jsiru. Huwa semma' li x-xogħol jidher li qed jiġi kkoordinat tajjeb ħafna u kulħadd huwa konxju tad-deadline, dik tal-31 ta' Mejju 2015.

## 7.0 Talbiet mir-residenti

7.1 Saret referenza mingħand is-Sur Vincent Cutajar għan-nom tal-Football Club sabiex il-Kunsill jgħin fil-bini tas-saqaf tal-club tal-boċċi. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġbu li l-Kunsill ma jistax jgħin f'dan it-tip ta' xogħol u li diġa qed jgħin ħafna lil Football Club fi Proġett Private Partnership li tiegħu qed nistennew l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.

7.2 Saret referenza għall-ilment li daħal mill-Customare Care fejn stħarreġ jekk l-antennas ta-Go u Vodafone li jinsabu fuq xi residenzi humiex ta' periklu għas-saħħa tar-residenzi tal-viċin. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u rrefera għad-diversi diskussjonijiet li kellu fil-passat fuq dan ir-rigward u li l-informazzjoni li għandu hija li dawn ma jagħmlux ħsara. Sar qbil li għandna niktbu kemm lil Go plc kif ukoll lil Vodafone plc biex jagħtuna din il-konferma.

7.3 Saret talba mingħand Lorietta Buttigieg fejn din talbet sabiex issir road hump jew Slow sign faċċata ta' Garden Flats fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal Slow Sign.

7.4 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand resident sabiex isir xi dog-waste bins fiċ-ċentru tal-lokal. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandu jiġbor xi stimi u jixtri xi 4 bins minn dawn.

7.5 Ġiet trattata t-talba mingħand individwu sabiex isiru żewg lampi ġodda fi Triq Santa Ċeċilja, ħdejn ir-razzett tan-Neffa, għax hi mudlama ħafna. Il-Kunsill ra li skond it-talba jidher li ser ikunu qrib, iżda qabel li għandu jmexxi din it-talba u joqgħod skond ir-rapport tal-Enemalta.

## 8.0 Materji oħra

8.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal bozza fi triq ġdida off Garden Street fejn din kienet ġiet approvata u x'ħin ġejna biex inwaħħluha mal-flats irriżulta li ma setgħetx teħel hemmhekk peress li kien hemm xi każ il-qorti. Ġie deċiż li din il-bozza teħel faċċata tal-flats fejn hemm garage, jekk kemm il-darba s-sid ta' dan il-garage jtina permess li teħel hemm.

8.2 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex fi Triq Santu Lija nagħmlu dustbin u jinqata' l-ħaxix.

8.3 Il-Vici Sindku Franco Ciangura f'isem l-Għaqda Drammatika rringrazzja lil Kunsill talli xtara s-sound system għax intlaqgħet tajjeb ħafna. Huwa rrefera għal-Play fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa u li kienet suċċess u kellha attendenza tajba ħafna. Huwa talab sabiex isir tindif tajjeb f'Ta Passi peress li hemm xi fdalijiet ta' boroż u tifrik ta' tarmak. Huwa semma' wkoll li mportanti li jinqata' l-ħaxix u jsir il-ħart f'xi għelieqi. Huwa propona wkoll li f' xi għalqa minnhom jiġu mħawwlin xi fjuri u nkunu niġġeneraw il-fjuri tagħna stess billi nkunu mbagħad nistgħu nużawhom f'open spaces oħra fil-lokal.

8.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca rringrazzja lill-kunsilliera tas-sogħba taghom li wrew fit-telfa tal-għażiż missieru. Il-Kunsill ta' l-għomor lilu u lill-familtu.

8.5 Il-kunsillier Larry Buttigieg semma' li jinħtieġ li jsiru żewġ bollards f'Malta Street u St. Eliju.

8.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona li ssir xi bollard fl-entratura tal-iskola biex it-tfal ma joħorġux jiġru l-barra lejn it-triq.

8.7 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex il-fuljett ta' tlett snin ta' ħidma jitpoġġa fuq il-website tal-Kunsill.

8.8 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona biex bħas-snin preċedenti l-Kunsill għandu jipsonsorja l-kampjonat tal-Snooker li jiswa 300 ewro. Il-Kunsill qabel.

## 9.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

9.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva l-pagamenti.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 ta' filgħaxija.

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**